

Brussell, 1 ta' Lulju 2022  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0206(NLE)**

---

---

**10587/22  
ADD 1**

**EDUC 257  
SOC 426  
EMPL 285  
JEUN 137**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 316 final - Annex
Suġġett:	ANNES tal- Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 316 final - Annex.

---

Mehmuż: COM(2022) 316 final - Annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.6.2022  
COM(2022) 316 final

ANNEX

**ANNEX**

**tal-**

**Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill**

**dwar Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola**

{SWD(2022) 176 final}

## ANNESS

### **Qafas ta' politika għas-suċċess fl-iskola**

Dan il-qafas ta' politika huwa dwar it-titjib tas-suċċess fl-iskola għall-istudenti kollha, irrispettivament mill-karatteristiċi personali, l-isfond tal-familja, kulturali u soċjoekonomiku tagħhom. Jistabbilixxi kundizzjonijiet u miżuri ewlenin immirati biex inaqqsu t-tluq bikri mill-iskejjel u l-kisbiet baxxi fil-ħiliet bażiċi. Huwa msejjes fuq approċċ wiesa' u inklużiv tas-suċċess fl-iskola, li ma jikkonċernax biss ir-riżultati akkademiċi, iżda jqis ukoll elementi bħall-iżvilupp personali, soċjali u emozzjonali u l-benesseri tal-istudenti fl-iskola. Jiddeskrivi xi kundizzjonijiet ġenerali (il-punti 1 u 2) u sett ta' azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati fl-iskola u fil-livell tas-sistema.

- (1) Il-kisba tas-suċċess fl-iskola għall-istudenti kollha, irrispettivament mill-karatteristiċi personali, mill-isfond tal-familja, kulturali u soċjoekonomiku teħtieġ **strateġija integrata u komprensiva lejn is-suċċess fl-iskola** fil-livell ta' politika xieraq (nazzjonali, reġjonali, lokali), skont l-istruttura tas-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Strateġija bħal din tinvolvi b'mod partikolari:
  - (a) L-iżgurar ta' koordinazzjoni ma' oqsma ta' politika differenti (bħas-saħħa, is-servizzi soċjali, l-impjiegi, l-akkomodazzjoni, il-ġustizzja, l-inklużjoni tar-refuġjati u ta' migranti oħrajn, in-nondiskriminazzjoni) u l-ħolqien ta' kooperazzjoni sostnuta bejn livelli differenti ta' governanza tas-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, kif ukoll djalogu sistematiku mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha (inklużi l-istudenti, il-ġenituri u l-familji u dawk li jirrappreżentaw il-fehmiet ta' gruppi aktar emarġinati) mill-fażi tad-disinn, sal-implimentazzjoni, u l-evalwazzjoni.
  - (b) Id-disponiment ta' sett ibbilanċjat, koerenti u kkoordinat ta' miżuri ta' politika, li jikkombinaw il-prevenzjoni, l-intervent u l-kumpens, b'enfasi qawwija fuq azzjonijiet preventivi u ta' intervent.
  - (c) L-integrazzjoni ta' approċċi strateġiċi nazzjonali, reġjonali u lokali (kif xieraq) għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ ma' dawk li għandhom l-għan li jippromwovu l-ħiliet bażiċi, l-indirizzar tal-bullying u l-bullying ċibernetiku (inklużi l-bullying abbażi tal-ġeneru u l-fastidju sesswali) u l-appoġġ għall-benesseri.
  - (d) Il-kombinament sistematiku, f'ambjenti inklużivi, ta' miżuri universali madwar l-iskola kollha għall-istudenti kollha ma' miżuri mmirati għal xi studenti jew gruppi ta' studenti li għandhom bżonnijiet simili jew f'riskju moderat, u oħrajn aktar individwalizzati għal dawk bi bżonnijiet kumplessi jew kroniċi u fl-ogħla riskju.
  - (e) Li tingħata attenzjoni speċifika lit-tfal u liż-żgħażaġh f'riskju ta' żvantaġġ jew diskriminazzjoni, l-iżgurar ta' approċċ intersezzjonali u l-inklużjoni ta' miżuri xierqa għal gruppi f'riskju, bħal tfal bi sfond soċjoekonomikament żvantaġġat, ta' migrazzjoni jew Rom, refuġjati, studenti b'diżabilitajiet viżibbli u mhux viżibbli inkluż indebolimenti fiżiċi, mentali, intellettuali jew sensorjali fit-tul, dawk bi bżonnijiet edukattivi speċjali jew bi problemi ta' saħħa mentali.
  - (f) Li tingħata attenzjoni biex jiġu identifikati d-disparitajiet bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, inkluż permezz ta' monitoraġġ imsaħħaħ tal-prestazzjoni tas-subien u tal-bniet, u l-istabbiliment ta' azzjonijiet speċifiċi kif xieraq.

- (g) Li tkun ibbażata fuq l-evidenza, informata minn sistemi solidi ta' ġbir u monitoraġġ tad-*data* (ara l-punt 2 hawn taħt) u appoġġata mill-aħħar riċerka kwantitattiva u kwalitattiva, filwaqt li tqis il-prattiki u l-ġhodod li għandhom suċċess dimostrabbli sabiex jgħinu jinkiseb suċċess edukattiv għall-istudenti kollha. Dan jinkludi li tinsilet ispirazzjoni mir-riżorsi pprovduti fil-livell Ewropew, bħall-Ġhodod Ewropej għall-Iskejjel<sup>1</sup>, il-“Compendium of Inspiring Practices on Inclusive and Citizenship Education”<sup>2</sup> u s-sett ta' ġhodod tal-VET tas-Cedefop għall-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskejjel<sup>3</sup> u l-“Inventory of lifelong guidance systems and practices”<sup>4</sup>.
- (h) L-allokkazzjoni ta' riżorsi proporzjonati, inkluż l-użu ta' fondi nazzjonali u tal-UE, kif ukoll appoġġ ieħor għal riformi u investment fl-ġhodod edukattivi, fl-infrastruttura, u fil-pedagoġija (b'mod partikolari l-Erasmus+, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali Ewropew+, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Programm Ewropa Diġitali, l-Orizzont Ewropa, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, l-iskema ta' finanzjament Nikkollegaw il-Faċilitajiet Ewropej (CEF2)).
- (i) Li jiġu previsti pjan ta' implimentazzjoni b'miri u stadji importanti ċari, pjan ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni kif ukoll il-ħolqien ta' mekkaniżmu jew struttura ta' koordinazzjoni, fil-livell xieraq skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni, tiġi appoġġata l-implimentazzjoni u jkunu jistgħu jsiru l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-politika.

(2) Sabiex tkun effettiva, strateġija integrata għandha tkun ibbażata fuq **sistemi robusti ta' ġbir u monitoraġġ tad-*data***, li għandhom:

- (a) Jippermettu analiżi, fil-livelli kollha ta' politika (nazzjonali, reġjonali u lokali) tal-ambitu, tal-inċidenza u tar-raġunijiet possibbli ta' progress insuffiċjenti u ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, inkluż billi jiġbru l-fehmiet ta' studenti u familji emarġinati.
- (b) Jintużaw sabiex ifasslu u jmexxu l-iżvilupp tal-politika, jimmonitorjaw l-implimentazzjoni u jevalwaw l-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri adottati.
- (c) Jippermettu d-detezzjoni u l-identifikazzjoni bikrija tal-istudenti f'riskju jew ta' dawk li jkunu telqu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ kmieni, sabiex jipprovdu appoġġ f'waqtu u xieraq, mingħajr ma studenti bħal dawn jiġu kkategorizzati jew stigmatizzati.
- (d) Jipprovdu l-bażi għall-iżvilupp ta' gwida u appoġġ effettivi għall-iskejjel.

Idealment, id-*data* u l-informazzjoni għandhom ikopru l-livelli kollha (l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-primarja, is-sekondarja tal-ewwel livell, is-sekondarja tat-tieni livell) u t-tipi ta' edukazzjoni u taħriġ, ikunu disponibbli f'livelli ta' politika differenti, u jridu jikkonformaw mal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. Għandha tinġabar informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva, kif xieraq, b'livell għoli ta' diżaggregazzjoni (pereżempju, dwar il-ġeneru, l-isfond soċjoekonomiku, l-isfond tal-migrazzjoni, id-differenzi bejn ir-Rom u dawk reġjonali), kif ukoll dwar firxa wiesgħa ta'

<sup>1</sup> <https://www.schooleducationgateway.eu/mt/pub/resources/toolkitsforschools.htm>

<sup>2</sup> <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/2edab132-7fbc-11eb-9ac9-01aa75ed71a1>

<sup>3</sup> <https://www.cedefop.europa.eu/en/toolkits/vet-toolkit-tackling-early-leaving>

<sup>4</sup> <https://www.cedefop.europa.eu/en/publications-and-resources/country-reports/inventory-lifelong-guidance-systems-and-practices>

fatturi li għandhom effett negattiv jew pożittiv fuq l-eżiti tal-apprendiment (bħall-parteciċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-attenzenza, l-involvement fil-proċessi tal-apprendiment, il-kisba ta' ħiliet bażiċi, il-benesseri fl-iskola, is-saħħa mentali, is-sens ta' appartenenza, il-kwistjonijiet ta' mgħiba, l-esperjenza ta' diskriminazzjoni, eċċ.).

- (3) Bil-għan li jiġu appoġġati **l-istudenti**, ġew identifikati l-prattiki tajbin li ġejjin, li l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom tiddependi b'mod kruċjali fuq l-impenn tal-atturi rilevanti kollha (kemm jekk ikunu mexxejja tal-iskejjel, għalliema, ħarrieġa jew persunal rilevanti ieħor) fil-livell nazzjonali, reġjonali, lokali u tal-iskejjel, f'konformità mal-istruttura tas-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ:

*Miżuri ta' prevenzjoni*

- (a) L-iżgurar tal-identifikazzjoni bikrija tal-problemi ta' żvilupp, tal-kompetenzi lingwistiċi u tal-edukazzjoni għal persuni bi bżonnijiet speċjali, inkluż id-diffikultajiet soċjali u emozzjonali, kif ukoll l-identifikazzjoni bikrija tal-istudenti f'riskju ta' progress insuffiċjenti u ta' tluq bikri mill-iskejjel, filwaqt li jiġu evitati l-kategorizzazzjoni u l-istigmatizzazzjoni.
- (b) L-iżvilupp ta' kurrikuli li huma ċċentrati fuq l-istudent u bbażati fuq pedagoġiji inklużivi u relazzjonali, u jippermettu forom diversifikati u personalizzati ta' tagħlim u apprendiment. Għandu jitqies il-ħolqien konġunt ta' materjali ta' apprendiment mat-tfal u maż-żgħażaġh, kif xieraq, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżorsi għall-prevenzjoni tal-bullying, l-edukazzjoni soċjali u emozzjonali, ir-risoluzzjoni tal-kunflitti u l-eliminazzjoni tal-preġudizzju.
- (c) L-inklużjoni tal-edukazzjoni soċjali u emozzjonali, il-prevenzjoni tal-bullying, is-saħħa mentali u fiżika fil-kurrikuli, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal sal-edukazzjoni u t-taħriġ sekondarji tat-tieni livell.
- (d) It-tisħiħ tal-kompetenza fil-lingwa/i tal-iskejjel, filwaqt li tiġi vvalutata u appoġġata d-diversità lingwistika tal-istudenti bħala riżorsa pedagoġika għal aktar apprendiment u kisba edukattiva. Dan jista' jinkludi, pereżempju, valutazzjoni tal-għarfien tal-lingwa minn qabel; appoġġ qawwi fil-lingwa materna u fil-lingwa tal-edukazzjoni skolastika tal-istudent; l-aċċess għat-tagħlim tal-lingwa tad-dar; mekkaniżmi sabiex jappoġġaw it-tranżizzjoni bejn il-klassijiet ta' akkoljenza u normali f'livelli differenti tal-edukazzjoni.
- (e) B'mod partikolari, l-appoġġ tal-akkwist tal-lingwa tal-iskola tar-refuġjati u tal-migranti li jkunu għadhom kif waslu permezz ta' immersjoni bikrija fi ħdan il-klassijiet u l-kurrikuli ġenerali, b'appoġġ addizzjonali one-to-one pprovdut f'livell xieraq sabiex jitħaffef l-apprendiment soċjali u akkademiku. L-aċċess kontinwu għal appoġġ lingwistiku u akkademiku u gwida għall-karriera, flimkien mal-involvement tal-ġenituri u l-edukazzjoni interkulturali, jista' jkollhom ukoll rwol ewlieni.
- (f) Il-promozzjoni ta' approċċi pedagoġiċi li jkunu interattivi u sperimentali sabiex jinbnew l-awtonomija u r-responsabbiltà tal-istudenti fl-apprendiment tagħhom u sabiex jingħataw is-setgħa li jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-iżvilupp tal-kompetenzi tagħhom. Approċċi bħal dawn jistgħu jinkludu opportunitajiet għal tagħlim imħallat (inklużi riżorsi diġitali, l-aċċess għal-libreriji, laboratorji, mużewijiet, ċentri komunitarji, u n-natura) filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet tal-istudenti b'diżabbiltà, l-organizzazzjoni flessibbli u eteroġenja tal-ħin u l-ambjenti tal-apprendiment, it-tagħlim u l-apprendiment tranżdixxiplinari,

apprendiment kooperattiv u l-appoġġ bejn il-pari, kif ukoll l-użu ta' teknoloġiji ta' assistenza għall-istudenti b'diżabilità.

- (g) Il-promozzjoni ta' Prattiki ta' valutazzjoni li jirriflettu u li jappoġġaw il-bżonnijiet u l-perkorsi ta' apprendiment personali, b'mod partikolari billi jsir użu estensiv minn valutazzjoni formattiva u kontinwa, u billi jiġu kkombinati diversi forom u għodod diġitali u mhux diġitali (eż. portafolli, valutazzjoni bejn il-pari u awtovalutazzjoni) li jkunu inklużivi, kulturalment risponsivi, u parteċipattivi.

#### *Miżuri ta' intervent*

- (h) Il-ħolqien ta' oqfsa fl-iskejjel li joffru appoġġ immirat lill-istudenti kollha li jkunu qegħdin jiffaċċjaw diffikultajiet fl-apprendiment jew li jkunu f'riskju ta' progress insuffiċjenti, permezz ta' approċċ multidixxiplinari u bbażat fuq it-tim (eż. skemi ta' mentoraġġ, inkluż il-mentoraġġ bejn il-pari; il-mobilizzazzjoni tal-persunal ta' appoġġ, ħin ta' apprendiment addizzjonali matul is-sena skolastika u/jew il-perjodu tal-vaganzi; aċċess għal ambjenti ta' apprendiment addizzjonali).
- (i) F'ambjenti inklużivi u aċċessibbli, appoġġ individwalizzat aħjar jiġi offrut lill-istudenti bi bżonnijiet kumplessi u multidimensjonali, inklużi bżonnijiet soċjali, emozzjonali u tas-saħħa mentali (eż. tutoraġġ personali, pjanijiet ta' apprendiment individwali, interventi permezz ta' konsulenza emozzjonali speċjalizzata, interventi psikoterapewtiċi, timijiet multidixxiplinari, appoġġ għall-familja).
- (j) L-għoti ta' soluzzjonijiet fil-livell tal-iskola jew fi sħubija ma' atturi oħrajn għal studenti li għandhom diffikultajiet sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet bażiċi minħabba l-isfond soċjoekonomiku tagħhom (eż. nuqqas ta' materjal edukattiv, diffikultajiet fit-trasport, ġuħ, nutrizzjoni u nuqqas ta' rqađ).
- (k) L-għoti ta' skemi ta' appoġġ finanzjarju mmirati lejn studenti żvantaġġati sabiex jiffaċilitaw il-progressjoni tagħhom għal-livelli sekondarji u terzjarji tal-edukazzjoni u t-taħriġ u t-tlestija b'suċċess tagħhom ta' studji fil-livell sekondarju tat-tieni livell li jwasslu għal kwalifiki rilevanti.
- (l) L-għoti ta' arranġamenti ta' finanzjament għar-refuġjati u għall-istudenti migranti li jkunu għadhom kif waslu sabiex jiġi żgurat aċċess għal klassijiet ta' taġħlim jew ta' tnejnija, fejn meħtieġ, u dħul bla xkiel fis-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fil-livelli kollha.

#### *Miżuri kkombinati ta' intervent / kumpens:*

- (m) L-għoti ta' appoġġ soċjali u emozzjonali lill-istudenti, speċjalment lil dawk li jesperjenzaw esperjenzi negattivi matul it-tfulija, trawma, u diffikultà soċjali jew emozzjonali serja li tfixxkel l-involviment tagħhom fl-iskola. Dan jista' jinkludi t-tisħiħ tar-rwol tal-persuni li joffru konsulenza u mentoraġġ fost il-persunal, l-iffaċilitar tal-aċċess tal-istudenti għall-professjonisti u s-servizzi tas-saħħa mentali fl-iskejjel u madwarhom, kif ukoll l-intervent bikri għall-vittmi u għall-awturi tal-bullying. Il-ħolqien ta' appoġġ bejn il-pari u l-komunità għall-prevenzjoni tal-bullying/tal-bullying ċibernetiku u l-indirizzar ta' kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni.

- (n) L-iżgurar tal-aċċess għal appoġġ ugwali, risponsiv u adegwat għar-refuġjati u għall-migranti li jkunu għadhom kif waslu, inkluż appoġġ soċjali u emozzjonali, li jgħinjom jegħlbu l-isfidi relatati ma' stress post-traumatiku, mal-esperjenza tal-migrazzjoni jew tal-integrazzjoni. B'mod partikolari, l-appoġġ soċjali u emozzjonali għandu jkun inkorporat fi skema usa' u transsettorjali sabiex jitqiesu l-bżonnijiet speċifiċi kollha tagħhom, f'kollaborazzjoni mas-servizzi soċjali u tas-saħħa, mal-aġenziji tas-saħħa mentali u mas-servizzi u l-aġenziji rilevanti l-oħrajn kollha, u bl-involvement mill-qrib tal-istudenti u tal-familji.
- (o) L-iffaċilitar tal-aċċess għal attivitajiet ekstrakurrikulari u barra mill-iskola (sport, l-arti, il-volontarjat jew il-ħidma fost iż-żgħażaġh, eċċ.) u t-titjib tad-dokumentazzjoni u l-validazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment tagħhom.
- (p) It-tisħiħ tal-gwida għall-edukazzjoni, tal-gwida għall-karriera u tal-konsulenza, kif ukoll tal-edukazzjoni dwar il-karriera sabiex jiġi appoġġat l-akkwist ta' ħiliet u kompetenzi fil-ġestjoni tal-karriera. Dan għandu jinkludi attivitajiet kurrikulari u mhux kurrikulari bħal żjarat fuq il-post tax-xogħol, programmi ta' esperjenza tax-xogħol, esperjenza ta' apprendiment Prattiku, loġħob b'rabta mal-karriera jew korsijiet ta' prova.

(4) **Il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal ieħor** għandhom rwol ċentrali fl-istrateġija. Għal din ir-responsabbiltà ta' sfida, huma jeħtieġu appoġġ u jridu jkunu mgħammra biex jifhmu u jindirizzaw l-inugwaljanza edukattiva, il-progress insuffiċjenti u d-diżimpenn. Minbarra li jingħataw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa, jeħtieġ ukoll li jkun hemm kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa, f'termini ta' ħin, spazju u mezzi. Ġew identifikati l-prattiki tajbin li ġejjin:

*Miżuri ta' prevenzjoni:*

- (a) L-inkorporazzjoni tal-inklużjoni, tal-ekwità u tad-diversità, il-fehim tal-progress insuffiċjenti u tad-diżimpenn kif ukoll l-indirizzar tal-benesseri, tas-saħħa mentali u tal-bullying, fil-programmi statutorji kollha tal-edukazzjoni inizjali tal-għalliema (ITE).
- (b) L-iżgurar li l-edukazzjoni inizjali tal-għalliema ta' kwalità għolja u bbażata fuq ir-riċerka u l-iżvilupp professjonali kontinwu (CPD) jħejju lill-mexxejja tal-iskejjel, lill-għalliema, lill-ħarrieġa u lil persunal edukattiv ieħor sabiex:
  - jifhmu l-fatturi ta' riskju u ta' protezzjoni li jista' jkollhom impatt fuq il-prestazzjoni akkademika, id-diżimpenn jew it-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, kif ukoll diffikultajiet soċjali emozzjonali u fl-imġiba;
  - jifhmu l-benesseri, id-diżabilità u l-problemi relatati mas-saħħa mentali, inkluż l-istress post-traumatiku, u jappoġġaw l-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali u emozzjonali tal-istudenti;
  - jiżviluppaw il-kompetenzi sabiex jgħallmu f'ambjenti multilingwi u multikulturali;
  - jirrikonoxxu u jisfidaw l-istereotipi tal-ġeneru fit-tagħlim u fl-apprendiment (inklużi l-aspettattivi baxxi dwar il-prestazzjoni tas-subien) u jiżviluppaw Prattiki ta' tagħlim sensitivi għall-ġeneru li jwasslu aktar għall-motivazzjoni u l-involvement tas-subien u l-bniet;

- jirrikonoxxu u jindirizzaw tipi differenti ta' diffikultajiet fl-apprendiment;
  - jużaw Prattiki kollaborattivi u jaħdmu f'timijiet multidixxiplinari fl-iskola kif ukoll ma' sħab esterni;
  - jużaw varjetà ta' approċċi, għodod u ambjenti ta' apprendiment, kif xieraq, u jimplimentaw b'mod attiv it-tagħlim imħallat, billi jikkombinaw l-attivitajiet ta' ġewwa u ta' barra, it-tagħlim u l-apprendiment individwalizzati u fi gruppi, ir-riżorsi diġitali u mhux diġitali, eċċ.;
  - jużaw metodi u għodod ta' valutazzjoni formattiva fit-tagħlim u fl-apprendiment;
  - jippromwovu klima ta' apprendiment pożittiva, billi jużaw il-ġestjoni tal-klassi, il-prevenzjoni tal-bullying u strateġiji ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti, u jibnu relazzjonijiet ta' fiduċja mal-istudenti, mal-ġenituri, mal-familji u mal-persuni li jindukraw, b'mod partikolari dawk minn sfond aktar żvantaġġat;
- (c) L-għoti ta' inċentivi lill-ġhalliema, lill-ħarrieġa, lill-mexxejja tal-iskejjel u lil persunal edukattiv ieħor sabiex jaħdmu fl-iskejjel b'shem għoli ta' studenti bi żvantaġġ soċjoekonomiku. L-inkoraġġiment tal-ġhalliema studenti sabiex iwettqu esperjenzi prattiċi ta' xogħol fi skejjel bħal dawn.
- (d) L-iżgurar li l-persunal kollu involut fl-edukazzjoni dwar il-karriera u fl-apprendiment jew fil-gwida dwar il-karriera jkun imħarreġ u kkwalifikat u jkollu aċċess għal taħriġ inizjali u kontinwu.
- (e) L-appoġġ għall-benesseri tal-ġhalliema, tal-ħarrieġa, tal-mexxejja tal-iskejjel u ta' persunal ieħor tal-iskejjel, inkluż permezz tal-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, l-edukazzjoni inizjali ta' kwalità għolja u l-iżvilupp professjonali kontinwu, l-aċċess għall-appoġġ u għall-professjonisti u s-servizzi tas-saħħa mentali, il-kollaborazzjoni u l-appoġġ bejn il-pari.

*Miżuri ta' intervent:*

- (f) L-iffaċilitar tal-iskambji tal-persunal, it-tagħlim bejn il-pari, u l-appoġġ bejn il-pari fost l-ġhalliema, il-ħarrieġa, u persunal u professjonisti edukattivi oħrajn, permezz ta' networking, seminars u komunitajiet ta' apprendiment multiprofessjonali, kif ukoll aċċess għal ċentri ta' għarfien espert, u għal riżorsi xierqa li jistgħu jgħinu fl-aġġustament tat-tagħlim u tal-apprendiment għall-bżonnijiet speċifiċi tal-istudenti kollha. L-iżgurar b'mod partikolari tal-aċċess għal ċentri ta' riżorsi jew timijiet konsultattivi speċjalizzati, li jistgħu jipprovdu l-għodod u l-pedagoġiji meħtieġa għall-appoġġ tar-refuġjati u ta' studenti migranti li jkunu għadhom kif waslu u li jaħdmu f'diversi lokalitajiet u skejjel.
- (g) L-eżaminar ta' kif il-perkorsi alternattivi għall-professjoni tat-tagħlim jistgħu jiffavorixxu diversità akbar fost il-persunal edukattiv u jifihom l-professjoni tat-tagħlim għal individwi bi sfondi differenti, inklużi kandidati li huma stess ikunu esperjenzaw żvantaġġ soċjoekonomiku.
- (5) Sabiex jiġi promoss is-suċċess edukattiv għall-istudenti kollha, “**approċċi skolastiċi globali**”, li fihom il-membri kollha tal-komunità skolastika (mexxejja tal-iskejjel, ġhalliema, ħarrieġa u persunal edukattiv ieħor, studenti, ġenituri u familji) kif ukoll firxa

wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati (servizzi soċjali u tas-saħħa, servizzi taż-żgħażaġh, ħaddiema ta' kollegament għall-qasam tal-kura tas-saħħa, psikologi, konsulenti/terapisti emozzjonali speċjalizzati, infermiera, terapisti tat-taħdit u tal-lingwa, speċjalisti fil-qasam tal-gwida vokazzjonali, l-awtoritajiet lokali, l-NGOs, in-negozji, it-trade unions, il-voluntiera, eċċ.) u l-komunità iġenerali, jinvolvu ruħhom b'mod attiv u kollaborattiv urew li huma partikolarment effettivi. Politiki ta' suċċess jistgħu jinkludu:

*Miżuri ta' prevenzjoni:*

- (a) Lill-mexxejja tal-iskejjel u lill-bordijiet ta' governanza, jitħalla livell suffiċjenti ta' awtonomija għat-teħid ta' deċiżjonijiet, li jkun marbut ma' responsabilità stretta.
- (b) L-iżgurar li s-suċċess fl-iskola għal kulħadd u l-benesseri (inklużi l-prevenzjoni tal-bullying, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, is-sensittività għall-ġeneru u l-kwistjonijiet tas-saħħa) jiġu inkorporati fil-proċessi ta' ppjanar u governanza tal-iskejjel (pjanijiet ta' żvilupp tal-iskejjel, stqarrijiet tal-missjonijiet, pjanijiet pedagoġiċi annwali jew pluriennali, eċċ.) u li l-iskejjel jiġu mħeġġa jfasslu, jimmonitorjaw u jevalwaw pjanijiet ta' inklużjoni speċifiċi.
- (c) L-iżgurar li l-mekkaniżmi interni u esterni tal-assigurazzjoni tal-kwalità jindirizzaw is-suċċess fl-iskola għall-istudenti kollha u l-benesseri fl-iskola u jinkludu miri u indikaturi anke dwar kwistjonijiet bħall-ambjent tal-apprendiment, il-bullying u l-benesseri. L-iżgurar li l-evalwazzjoni/l-ispezzjoni esterna jipprovdu pariri u appoġġ lill-iskejjel spezzjonati, jappoġġaw l-awtovalutazzjoni tal-iskejjel u jippromwovu kultura ta' awtoriflessjoni u titjib fir-rigward tal-istrateġiji u l-prattiki ta' inklużjoni u benessere.
- (d) L-għoti ta' opportunitajiet ta' żvilupp professjonali u gwida sabiex jappoġġaw lill-mexxejja tal-iskejjel fil-ġestjoni tal-bidla organizzazzjonali u fil-promozzjoni ta' Prattiki inklużivi.
- (e) L-inkoraġġiment ta' ambjent ta' skola parteċipatorju u demokratiku li jinvolvi lill-istudenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-iskola u fil-klassi u li jagħmel użu minn metodi parteċipattivi adattati għat-tfal u għaż-żgħażaġh, inklużi dawk minn sfondi emarġinati.
- (f) Il-promozzjoni ta' kultura tal-iskejjel li tagħti valur lid-diversità, trawwem il-benesseri tal-istudenti, tippromwovi s-sens ta' appartenenza tagħhom, u toħloq ambjent sikur għal dialogu dwar kwistjonijiet kontroversjali.

*Miżuri kkombinati ta' prevenzjoni u intervent:*

- (g) L-inkoraġġiment ta' Prattiki kollaborattivi u multidixxiplinari fl-iskola u sħubijiet ma' servizzi lokali, ma' professjonisti soċjali u tas-saħħa, ma' negozji u mal-komunità b'mod ġenerali.
- (h) Il-promozzjoni tal-iskejjel bħala ċentri komunitarji ta' apprendiment tul il-ħajja fejn l-edukazzjoni u l-ħajja soċjali huma marbutin mill-qrib mal-viċinat u fejn il-komunità tiegħu responsabbiltà konġunta għall-iskola bħala spazju ta' apprendiment.
- (i) Il-promozzjoni tan-networking bejn l-iskejjel, kif ukoll tal-komunitajiet ta' apprendiment multiprofessjonali fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali sabiex jiġi promoss l-apprendiment reċiproku. L-inkoraġġiment lill-iskejjel sabiex jużaw ir-riżorsi disponibbli fl-Għodod Ewropej għall-Iskejjel, fil-“Compendium of Inspiring Practices on Inclusive and Citizenship

Education” u fis-sett ta’ għodod tal-VET tas-Cedefop sabiex jiġi indirizzat it-tluq bikri.

- (j) Il-promozzjoni tas-“sensibilizzazzjoni dwar il-lingwi” fl-iskola u madwarha, billi jiġu mħeġġa jirriflettu dwar in-normi, il-valuri u l-attitudnijiet lejn il-lingwa u d-diversità kulturali, inkluż billi jiġu skoperti l-lingwi kollha mitkellma fil-komunità tal-iskejjel, jiġu involuti l-ġenituri u l-familji, dawk li jindukraw u l-komunità usa’ fl-edukazzjoni lingwistika, jinħolqu libreriji b’riżorsi f’lingwi differenti jew jiġu ffaċilitati attivitajiet relatati mal-lingwa ta’ wara l-iskola.
  - (k) L-appoġġ għall-iskejjel sabiex jinkorporaw prattiki effettivi f’kull stadju tal-“proċess tal-apprendiment tal-lingwi” ta’ migranti li jkunu għadhom kif waslu (inklużi r-refuġjati), inklużi l-akkoljenza u l-valutazzjoni (eż. permezz ta’ valutazzjoni komprensiva u multidimensjonali tal-litteriżmu, tal-lingwa u ta’ kompetenzi ewlenin oħrajn), il-kollokament u l-ammissjoni (eż. billi jiżguraw klassijiet preparatorji inizjali limitati fiż-żmien, fejn meħtieġ, u jistabbilixxu appoġġ soċjali u akkademiku sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni bla xkiel fl-edukazzjoni ġenerali), u l-monitoraġġ (sabiex jipprevjenu s-segregazzjoni ġeografika tal-istudenti migranti permezz tal-kriterji tad-dħul u tal-ammissjonijiet fl-iskejjel).
  - (l) L-inkoraġġiment ta’ komunikazzjoni u kooperazzjoni effettivi mal-ġenituri, mal-kustodji legali u mal-familji dwar il-progress edukattiv u l-benesseri tat-tfal tagħhom, inkluż bl-għajnuna ta’ medjaturi kulturali mill-komunità lokali. L-involvement tal-ġenituri, tal-familji u tal-kustodji legali f’attivitajiet kurrikulari u mhux kurrikulari (bħall-volontarjat fil-klassijiet, fil-klabbs għall-qari u tax-xogħol tad-dar, fil-librerija tat-tutela tal-iskejjel u fil-programmi ta’ wara l-iskola, kif ukoll fil-klabbs tal-impjiegi, fil-fieri tal-impjiegi, fl-esponiment fuq il-post tax-xogħol, fiż-żjarat fiċ-ċentri għall-karrieri, eċċ.).
  - (m) Il-promozzjoni tal-involvement attiv tal-ġenituri u tal-familji fit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-iskejjel, inkluż fil-kurrikulu, fl-ippjanar u fl-evalwazzjoni, fil-benesseri u fil-programmi tas-saħħa mentali, fl-edukazzjoni soċjali u emozzjonali, fil-gwida għall-karriera, u l-promozzjoni u l-appoġġ tal-parteċipazzjoni tal-ġenituri minn sfondi soċjoekonomiċi emarġinati.
  - (n) L-appoġġ għall-involvement tal-ġenituri fil-ħiliet tal-qari u tal-matematika bikrija tat-tfal tagħhom, bħal permezz tal-għoti ta’ skemi ta’ kotba għad-dar, inizjattivi ta’ litteriżmu fost il-familja, eċċ. Iż-żieda fl-opportunitajiet għall-apprendiment tal-familja u għall-edukazzjoni tal-ġenituri, b’mod partikolari għal dawk b’livelli baxxi ta’ edukazzjoni u f’riskju ta’ faqar, fi sħubija mas-servizzi lokali u mal-NGOs.
  - (o) L-għoti ta’ appoġġ addizzjonali lill-iskejjel f’żoni soċjoekonomikament żvantaġġati, b’numru kbir ta’ studenti minn sfondi emarġinati. Dan jista’ jinkludi proporzjonijiet imnaqqsqa ta’ studenti u għalliema għal skejjel bħal dawn, fejn meħtieġ, kif ukoll riżorsi mmirati ta’ materjali, tagħmir u infrastruttura.
- (6) Sabiex jiġi promoss is-suċċess edukattiv għall-istudenti kollha, huwa essenzjali li jsir intervent fuq il-karatteristiċi fil-livell tas-sistema li jistgħu jaffettwaw l-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ b’modi differenti. Jistgħu jitqiesu l-miżuri strutturali li ġejjin meta tiġi żviluppata strateġija integrata u komprensiva:

- (a) L-iżgurar ta' aċċess ġeneralizzat u ekwu għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal bi prezz raġonevoli, ta' kwalità għolja u b'persunal adegwat, li jistgħu jtejbu l-benesseri tat-tfal u l-iżvilupp konjittiv u soċjali u emozzjonali usa', filwaqt li jipprovdu lit-tfal bil-pedamenti meħtieġa sabiex jirnexxu fl-edukazzjoni u fil-ħajja.
- (b) It-tisħiħ ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja, attraenti u flessibbli, li jikkombinaw l-akkwist ta' ħiliet vokazzjonali mal-kompetenzi ewlenin.
- (c) Il-promozzjoni ta' politiki attivi kontra s-segregazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu adottati regoli ta' ammissjoni li jippermettu kompożizzjoni eteroġenja u politiki ffokati fuq il-kwalità tal-apprendiment, u s-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tad-diversità fil-klassi għat-titjib tal-eżiti edukattivi għall-istudenti kollha.
- (d) L-appoġġ għall-inklużjoni ta' studenti b'diżabilità fl-iskejjel ordinarji, b'appoġġ effettiv ipprovdut minn edukaturi mħarrġa u persunal/konsulenti edukattivi oħrajn, jew professjonisti fil-qasam tas-saħħa. Dan għandu jkun akkumpanjat mit-tneħħija tal-ostakli fiżiċi fl-ambjent tal-iskola, filwaqt li jiġi żgurat l-għoti ta' materjali ta' apprendiment f'formati xierqa, u jiġu offruti approċċi diversifikati ta' taġlim u ta' apprendiment.
- (e) L-evitar tar-ripetizzjoni tal-grad sa fejn ikun possibbli u s-sostituzzjoni ta' dan bi strumenti li jimmonitorjaw u li jidentifikaw, fi stadju bikri, il-bżonnijiet ta' apprendiment u d-diffikultajiet tat-tfal u taż-żgħażaġh u billi jiġi offrut appoġġ immirat u aktar individwalizzat, kif xieraq.
- (f) Is-sejba ta' alternattivi għat-traċċar bikri sabiex jiġu promossi interazzjonijiet pożittivi bejn l-istudenti b'livelli ta' kapaċità differenti fi gruppi eteroġenji u t-tnaqqis tal-impatt tal-isfond soċjoekonomiku fuq il-prestazzjoni tal-istudenti permezz ta' segregazzjoni akkademika.
- (g) Iż-żieda fil-flessibbiltà u l-permeabbiltà tal-perkorsi edukattivi, pereżempju billi l-korsijiet jinqasmu f'moduli, billi jiġu offruti korsijiet orjentati vokazzjonalment jew billi tiġi promossa l-flessibbiltà fid-durata u fil-punti ta' dħul. L-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet bejn il-livelli u t-tipi ta' edukazzjoni u bejn l-iskola u l-impjiegi futuri, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' rikonoxximent u validazzjoni, gwida għall-karriera mogħtija minn prattikanti kwalifikati, u kollaborazzjoni attiva mal-partijiet ikkonċernati, inklużi n-negozji.
- (h) Il-proponiment ta' possibilitajiet għad-dħul mill-ġdid fis-sistema ordinarja tal-edukazzjoni u fit-taħriġ u l-iżgurar ta' aċċess liberu għal programmi li joffru opportunità sekondarja ta' kwalità għal dawk kollha li jkunu telqu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ qabel iż-żmien, li jistgħu jiġu proposti wkoll bħala parti mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.